

Brussell, 24 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12061/26

AG 124
INST 299
SOC 509
FREMP 259
EDUC 335
CULT 101

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4639 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'17.7.2026 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Kulħadd abbord - Għad-dritt tiegħek ta' ċittadinanza mingħajr fruntieri"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 4639 final.

Mehmuż: C(2026) 4639 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.7.2026
C(2026) 4639 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'17.7.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Kulħadd abbord - Għad-dritt tiegħek ta’ ċittadinanza mingħajr fruntieri”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'17.7.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Kulħadd abbord - Għad-dritt tiegħek ta’ ċittadinanza mingħajr fruntieri”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Talba għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Kulħadd abbord - Għad-dritt tiegħek ta’ ċittadinanza mingħajr fruntieri” ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fis-26 ta' Mejju 2026.
- (2) L-għan tal-inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa li tistieden lill-Unjoni “tnaqqas id-distakk bejn l-għan tagħha li “l-Unjoni għandha tosserva l-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tagħha, li għandhom jingħataw attenzjoni ugwali...” (l-Artikolu 9 tat-TUE) u r-realtà li tindirizza biss minoranza privileġġata ta’ ċittadini Ewropej, u b’hekk thegġegħ l-estremiżmu kontra l-UE”. L-organizzaturi jiddikjaraw li l-inizjattiva tagħhom “titlob approċċ tas-soċjetà kollha għal Ewropa demokratika, li jistrieħ fuq l-edukazzjoni u l-vot universali”. Huma jqisu li “ċ-ċittadini kollha tal-UE u r-resident legali għandhom id-dritt”: “Jitgħallmu dwar id-drittijiet, il-valuri u l-parteċipazzjoni Ewropej fl-UE, flimkien mal-edukazzjoni ċivika nazzjonali tagħhom”; “Jesperjenzaw il-parteċipazzjoni fi programm ta’ skambju Ewropew permezz ta’ opportunità ta’ darba fil-ħajja”; “Ir-riżultati tagħhom jiġu rikonoxxuti u vvalidati lura f’pajjiżhom u madwar l-UE permezz ta’ kwalifiki akkademiċi, tekniċi, vokazzjonali u trasversali ttrattati b’mod ugwali”. L-anness tal-inizjattiva jipprovdi dettalji ulterjuri dwar l-isfond tagħha, is-suġġett tagħha u l-oġettivi tagħha. L-organizzaturi ppreżentaw ukoll abbozz ta’ regolament “li joħloq id-dritt li wieħed jitgħalllem dwar, jesperjenza u jgawdi l-benefiċċji taċ-ċittadinanza tal-Unjoni”, ibbażat fuq l-Artikolu 25 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), bħala parti mit-talba ta’ reġistrazzjoni tagħhom.
- (3) Il-Kummissjoni tqis li tista’ tipproponi l-ħolqien tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jitgħallmu dwar, jesperjenzaw u jgawdu l-benefiċċji taċ-ċittadinanza tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 25 tat-TFUE. Madankollu, id-dispożizzjonijiet rilevanti ma jistgħux jiddefinixxu l-kontenut preċiż tat-tagħlim jew jaffettwaw l-organizzazzjoni tas-sistemi

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

edukattivi u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom, kif stabbilit fl-Artikolu 165(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, dawn id-drittijiet ma jistgħux jingħataw lil residenti legali li mhumiex ċittadini tal-Unjoni, peress li l-bażi legali fl-Artikolu 25 tat-TFUE tista' tintuża biss biex jiżdiedu d-drittijiet ma' daww elenkati fl-Artikolu 20(2) tat-TFUE, li jistgħu jingħataw biss liċ-ċittadini tal-Unjoni.

- (4) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (5) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.
- (6) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.
- (7) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minqaxin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) L-inizjattiva intitolata "Kulħadd abbord - Għad-dritt tiegħek ta' ċittadinanza mingħajr fruntieri" għandha għalhekk tiġi rreġistrata.
- (9) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva ta' ċittadini Ewropej intitolata "Kulħadd abbord - Għad-dritt tiegħek ta' ċittadinanza mingħajr fruntieri" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva ta' ċittadini intitolata "Kulħadd abbord - Għad-dritt tiegħek ta' ċittadinanza mingħajr fruntieri", irrappreżentat minn Suzana CARP u Jana Sproul li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 17.7.2026

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni